**QORTI CIVILI (Sezzjoni tal-Familja)**

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**Illum 31 ta' Ottubru 2017**

Rikors Guramentat Nru. 29 / 17RGM

Kawza fil-lista: 14

**A B El C**
**vs**
**D E Alla F El C**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat pprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-partijiet izzewgu b'rit civili fit-22 ta' Gunju 2012 u dan kif johrog mic-certifikat taz-zwieg.

2. Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal.

3. Illi permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni tal-beni tal-21 ta' Gunju 2012 fl-Atti tan-Nutar John Cachia Zammit, il-partijiet ftehmu illi jeskludu l-komunjoni ta' l-akkwisti miz-zwieg taghhom.

4. Illi l-hajja konjugli bejn il-partijiet m'hijiex aktar possibbli u dan minhabba ragunijiet mputabbli unikament lir-ragel u sufficjenti fil-ligi ghall-ottjeniment tal-firda personali tal-partijiet, fosthom, abbandun, vjolenza, eccessi, inguri u sevizzi u dan kif ser jigi pruvat waqt it-trattazazzjoni tal-kawza.

5. Illi l-intimat abbanduna d-dar matrimonjali, ossija l-fond 14, Luqa Briffa Street, Zejtun snin ilu, liema fond huwa proprjeta matrimonjali ta' l-esponenti, ghaliex gie akkwistat qabel iz-zwieg.

6. Illi in oltre l-kontenut kollu tal-fond 11, Luqa Briffa Steet, Zejtun u t-tghamir fl-istess fond huwa kollu proprjeta ta' l-esponenti u gie akkwistat unikament minnha.

7. Illi in oltre waqt iz-zwieg l-esponenti kienet akkwistat zewg vetturi, ossija il-karozza Renault Clio b'numru ta' registrazzjoni FCC 973 li hija proprjeta esklussivament taghha.

8. Illi permezz ta' sentenza mogthija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-14 ta’ April 2014 fl-ismijiet George & Rocco Car Centre Limited vs D E Alla El- C, il-partijiet kienu in solidum bejniethom gew kkundannati ihallsu s-somma ta' €10,774. minn liema somma l-esponenti gia hallset is-sehem dovut fuq ir-Renault Clio ta' €6400 kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

9. Illi l-esponenti tixtieq terga tirreverti lura ghall-kunjom xbubitha ossija Camilleri.

10. Illi permezz tad-digriet tad-19 ta' Jannar 2016, moghti fil- 5 ta' Ottubru 2016, l-Onorabbli Qorti Civili, Sezzjoni tal-Familja il-Qorti laqghet it-talba ta' l-esponenti u ghalhekk ordnat illi l-medjazzjoni tinghalaq u awrorizzat lill-esponenti tipprocedi bil-kawza odjerna.

11. Illi l-esponenti taf b'dawn il-fatti personalment u qeghda tikkonfermahom bil-gurament taghha.

Ghaldaqstant l-attrici titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

i. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet validi u sufficjenti fil-ligi imputabbli biss lill-konvenut u ghall-finijiet tal-Artikolu 48(c) tal-Kodici Civili (Kap. 16) tistabilixxi data meta l-istess konvenut ghandu jkun kunsidrat li hu hati tal-firda.

ii. Tawtorizza lill-attrici tghix separata mill-konvenut zewgha.

iii. Tiddikjara illi l-partijiet qeghdin reciprokament jiddekadu minn kull dritt ta' successjoni fil-konfront ta' xulxin inkluz id-dritt ghall-porzjon riservat, li jista talvolta ikun dovut lilhom.

iv. Tiddikjara illi kull parti hija responsabbli ghad-djun ikuntrattati minn dik il-parti.

v. Tiddikjara u tiddeciedi illi kull bilanc dovut lill-George and Rocco Car Centre Limited ai termini tas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fl-14 ta' April 2014 ghandu jithallas unikament u esklussivament mir-ragel.

vi. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-vettura tal-marka Renault Clio b'numru ta' registrazzjoni FCC 073 hija proprjeta esklussiva tal-mara.

vii. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimat iddekada minn kull dritt illi jircievi manteniment minghand martu.

viii. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-fond matrimonjali ossija 14, Luqa Briffa Street, Zejtun kif ukoll it-tghamir u l-oggetti kollha li jinsabu fl-istess dar huma proprjeta parafernali tal-mara kif ukoll tordna illi r-ragel jigi eskluz mid-dar matrimonjali.

ix. Tikkundanna lill-konvenut jikkonsenja lill-attrici beni kollha dotali u parafernali taghha u separatament tordna illi l-attrici tigi moghtija l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafenrali taghha.

x. Tawtorizza lill-attrici sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha ossia Camilleri.

xi. Tawtorizza lill-attrici illi tirregistra ossia tnizzel fir-Registru Pubbliku is-sentenza eventwalment moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez, kontra l-intimat li minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut, nonostante li gie debitament notifikat personalment mill-Marixxal Marco Bonnici fit-22 ta’ Mejju 2017, ma pprezentax risposta guramentata u ghalhekk huwa kontumaci.

Rat l-affidavit tal-attrici anness ma’ nota pprezentata fl-10 ta’ April 2017 u l-provi l-ohra kollha imressqa mill-attrici.

Rat illi l-kawza giet differita ghallum ghas-sentenza.

**IL-PROVI**

L-attrici, fl-affidavit taghha mahluf fit-23 ta’ Marzu 2017, Fol 21, ikkonfermat li hi u l-konvenut zzewgu b’rit civili fit-22 ta’ Gunju 2012 u gurnata qabel resqu

ghall-pubblikazzjoni ta' kuntratt pubbliku in atti Nutar Dottor John Cachia Zammit li permezz tieghu eskludew il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom kif ukoll il-komunjoni tar-residwu taht amministrazzjoni separata fiz-zwieg taghhom u ghalhekk ghazlu li "... r-regim partimonjali tas-separazzjoni tal-beni jew separazzjoni tal-proprjeta' japplika fiz-zwieg taghhom u li l-beni li jinkisbu matul iz-zwieg taghhom jibqghu separati bl-aktar mod assolut"[1].

F'Jannar 2013, ftit xhur biss wara z-zwieg taghhom, ir-ragel, minghajr ma ta ebda raguni lill-martu, telaq mid-dar matrimonjali, habta u sabta u minn dakinhar qatt ma ghixu taht l-istass saqaf. Ilhom ghalhekk separati *de facto* ghal aktar minn erba' snin.

L-attrici ssostni li zewgha abbandunaha u billi hu barrani tahseb li zzewwigha mhux ghax kien ihobbha izda biex jiehu c-cittadinanza u jkun jista' jibqa' jghix hawn Malta.

F'dawk is-sitt xhur li ghamlu jghixu flimkien wara li zzewgu zewgha kien jitrattha hazin u mhux l-ewwel darba li refa' idejh fuqha. Kien jghajjat maghha u jghajjarha u jghidilha li kien ser igibha tapit, in fatti, hajjitha bdiet sejra ghall-ahjar wara li hu abbanduna d-dar matrimonjali.

Tikkonferma li d-dar matrimonjali hi propjeta' taghha billi kienet xtratha 15-il sena qabel. L-ghamara li hemm fid-dar ukoll inxrat minnha qabel z-zwieg u fis-sitt xhur li ghamlu flimkien ma xtraw xejn ghad-dar. Ir-ragel lanqas ghall-affarjiet bazici ta' kull jum ma kien johrog flus u qatt ma nefaq xejn fuq il-kontenut tad-dar. Dak kollu li nxtara wara z-zwieg inxtara minnha, u billi bejniethom ma kienx hemm komunjoni tal-akkwisti, anke dawn l-oggetti huma propjeta' esklussivament taghha.

Id-dar propjeta' taghha hi 14 Luqa Briffa Street, Zejtun.

Filwaqt li kkonfermat li l-partijiet ma kellhomx tfal, iddikjarat illi peress li jahdmu t-tnejn li huma m'hiex tippretendi manteniment minn ghandu kif ukoll li hi m'ghandha thallas l-ebda manteniment lilu.

Ftit wara li zzewgu kienu xtraw zewg karrozzi minn ghand George and Rocco Car Limited, wahda kienet Renault Clio numru ta' registrazzjoni FCC 073 li giet registrata fuqha u van ghax-xoghol li gie registrat fuq ir-ragel. Il-karozzi nxtraw bid-dejn u kienu qed jithallsu b'pagamenti mensili. Filwaqt li hi kienet regolari fil-pagamenti taghha, zewgha ma kienx. Ghalhekk saret kawza minn George and Rocco Car Limited kontrihom it-tnejn ghalkemm hi kienet qed thallas il-

[1] Fol. 6

pagamenti taghha u l-kambjali kien iffirmahom zewgha wahdu, u gew ikkundannati jhallsu s-somma ta’ Euro10,774. Minn din s-somma hi kkonfermat li halset l-ammont ta’ sitt elef u erba' mitt ewro (€6,400) tant li l-vettura, li kienet giet sekwestrata flimkien mal-van, giet ritornata lilha.

L-attrici tallega li saret xi tahwida minn zewgha billi hi lanqas biss kienet taf bil-kawza li fethet kontra taghhom il-kumpanija, u ssostni illi peress li bejniethom hemm is-separazzjoni tal-beni hi m'ghandhiex taghmel tajjeb ghad-dejn ta’ zewgha. Ghalhekk tikkontendi li billi hi hallset l-ammont kollu tal-karozza taghha, l-bilanc li ghadu dovut lil George and Rocco Car Limited ghandu jithallas mill-konvenut.

Finalment iddikjarat li tixtieq tirriverti ghall-kunjom xbubitha cioe’ "Camilleri".

L-attrici annettiet mar-rikors promotorju, Fol 6, l-att pubblikat minn Nutar Dottor John Cachia Zammit fil-21 ta’ Gunju 2012, fejn il-partijiet ftehmu li kienu qed jeskludu l-komunjoni tal-akkwisti u jaghzlu r-regim patrimonjali tas-separazzjoni tal-beni; u kopja tas-sentenza tal-14 ta’ April 2014 tal-Qorti tal-Magistrati, Fol 8, tal-kawza fl-ismijiet ‘ George and Rocco Car Centre Limited (C52595) vs D E Alla El-C u martu A B El-C’, fejn gew ikkundannati solidalment ihallsu lis-socjeta’ attrici l-ammont ta’ ghaxar elef, seba' mija u erbgha u sebghin ewro (€ 10,774).

**KONSIDERAZZJONIJIET.**

Il-partijiet izzewgu civilment fit-22 ta’ Gunju 2012 u gurnata qabel ftehmu b’att notarili li kienu qed jeskludu l-komunjoni tal-akkwisti miz-zwieg taghhom u li r-regim patrimonjali tas-separazzjoni tal-beni jew separazzjoni tal-propjeta’ japplika fiz-zwieg taghhom u li l-beni li jinkisbu tul iz-zwieg taghhom jibqghu separati bl-aktar mod assolut.

Mill-affidavit tal-attrici rrizulta li d-dar matrimonjali kienet giet stabbilita fil-fond propjeta’ taghha, 14 Luqa Briffa Street, Zejtun, li kien inxtara minnha xi hmistax-il sena qabel, u li l-ghamara kollha li tinsab f’din id-dar nxtrat minnha.

Il-konvivenza ta’ bejniethom kienet biss ghal sitt xhur minn Gunju 2012 sa Jannar 2013 meta il-konvenut, habta u sabta abbanduna d-dar matrimonjali u qatt ma rega’ rritorna. Hi kkonfermat li fis-sitt xhur ta’ konvivenza zewgha kien jittratha hazin, kien jerfa’ idejh fuqha, jghajjat maghha u jghajjarha, fi kliemha ‘ried igibni tapit tieghu’. Hi konvinta li l-konvenut izzewwigha mhux ghax kien ihobbha izda biex jakkwista ic-citadinanza Maltija u jkun jista’ jghix u jahdem hawn Malta minghajr xkiel jew restrizzjoni.

Mill-kopja tas-sentenza tal-14 ta' April 2014 tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Fol 10, jirrizulta li dwar z-zewg vetturi, sar ftehim fl-4 ta' April 2012, dwar il-vettura Renault Clio, numru ta' registrazzjoni FCC 073 bejn is-socjeta' venditrici u l-attrici; u sar ftehim iehor fl-4 ta' Settembru 2012 bejn s-socjeta' venditrici u l-konvenut dwar il-vettura Toyota Hilux numru ta' registrazzjoni JBH 184.

Dan iffisser li l-vettura Renault Clio hi tal-attrici, billi nxtrat qabel iz-zwieg, u l-vettura Toyota Hilux hi propjeta tal-konvenut, billi ghalkemm nxtrat wara z-zwieg, gurnata qabel iz-zwieg il-partijiet, b'att notarili kienu eskludew il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u qablu li r-regim matrimonjali bejniethom kellu jkun is-separazzjoni tal-beni.

Ikkunsidrat;

**Htija ghas-Separazzjoni - Abbandun**

L-**Artikolu 41 tal-Kapitolu 16** tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk;

'Kull wahda mill-partijiet mizzewga tista' ukoll titlob il-firda jekk, ghal sentejn jew izjed, tkun abbandonata mill-ohra, minn ghajr raguni tajba'.

Fil-kawza fl-ismijiet " **Giuseppa Camilleri pro et noe vs Rocco Camilleri**" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-18 ta' Novembru 1964 ntqal:

" L-essenza tal-abbandun tirrisjedi fil-persistenza u kontinwita' ta' wiehed jew wahda mill-konjugi illi jghix apparti mill-konjugi l-ohra jew l-iehor skond il-kaz,minghajr raguni tajba".

Fil-kawza fl-ismijiet "**Jane sive Giovanna Cordina vs Dr. Albert V Grech et noe "** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-11 ta' Jannar 1965 ntqal:

" Biex l-abbandun jkun kawzali ta' separazzjoni hemm bzonn li (1) jkun ta' perjodu ta' almenu sentejn u (2) li jkun minghajr gusta kawza".

Fil-kaz in ezami dawn r-rekwiziti gew ippruvati sodisfacentement mill-attrici in kwantu jirrizulta mill-provi mhux kontestati illi l-konvenut abbanduna lill-attrici ghal aktar minn sentejn u dan minghajr raguni valida. Dan apparti l-fatt li kien jittratha hazin, jaghajjarha u joffendiha u anke jerfa' idejh fuqha. L-attrici takkuza lill-konvenut lil bl-agir tieghu wera li ghalih iz-zwieg tal-partijiet kien wiehed ta' konvenjenza u xejn aktar.

Il-Qorti ghalhekk qed tiddeciedi illi l-konvenut huwa unikament responsabbli ghat-tkissir taz-zwieg ta' bejn il-partijiet.

Dwar l-aspett partrimonjali tal-vertenza, gie ppruvat sodisfacentement illi komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet qatt ma kien hemm. Minghajr ma din il-Qorti ser tidhol fil-mertu tal-kawza deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-14 ta' April 2014 fl-ismijiet "George & Rocco Car Centre Ltd vs D E Alla El-C et", huwa evidenti minn qari ta' dik is-sentenza illi l-vettura FCC 075 inxtrat mill-attrici filwaqt li vettura numru JBH 184 inxtrat mill-konvenut.

Il-Qorti ghalhekk qed tiddeciedi illi l-attrici jkollha dritt li tirkupra minghand il-konvenut kwalunkwe ammont li l-attrici tkun kostretta thallas in forza tal-imsemmija sentenza lil George & Rocco Car Centre Ltd fir-rigward tal-vettura numru JBH 184.

**DECIDE.**

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, fil-kontumacja tal-konvenut, qed taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici,

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan ghal ragunijiet unikament imputabbli lill-konvenut primarjament minhabba abbandun ai sensi tal-Artikolu 41 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u tistabbilixxi d-data tal-15 ta' Jannar 2013 bhala d-data meta il-konvenut ghandu jkun kunsidrat bhala hati tal-firda;

2. Tilqa' it-tieni talba attrici u tawtorizzaha tghix separata mill-konvenut zewgha;

3. Tilqa' parzjalment it-tielet talba attrici u tiddikjara li l-konvenut iddekada minn kull dritt ta' successjoni fil-konfront tal-attrici, inkluz id-dritt ghall-porzjon riservat li jista' talvolta jkun dovut;

4. Tilqa' ir-raba' talba attrici u tiddikjara li kull parti hi responsabbli ghad-dejn li kull parti tkun ikkuntrattat;

5. Tilqa' parzjalment il-hames talba attrici u tikkundanna lill-konvenut jirrifondi lill-attrici kull ammont li talvolta jkollha thallas lis-socjeta' George and Rocco Car Centre Limited in konnessjoni mal-vettura JHB 184 ai termini tas-sentenza moghtija mill-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) fl-14 ta' April 2014;

6. Tilqa’ is-sitt talba attrici u tiddikjara li l-vettura Renault Clio numru ta’ registrazzjoni FCC 073 hi propjeta’ esklusiva tal-attrici;

7. Tilqa’ is-seba’ talba attrici u tiddikjara li l-konvenut iddekada minn kull dritt li jircevi manteniment minghand l-attrici martu;

8. Tilqa’ it-tmien talba attrici u tiddikjara li l-fond matrimonjali 14, Luqa Briffa Street, Zejtun, kif ukoll it-tghamir u l-oggetti kollha li jinsabu fl-istess dar huma propjeta’ parafernali tal-attrici u tordna li l-konvenut jigi eskluz mid-dar matrimonjali;

9. Tichad id-disa’ talba attrici peress li ma resqux provi fir-rigward;

10 Tilqa’ l-ghaxar talba attrici u tawtorizza lill-attrici tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe’ ‘Camilleri’;

11. Tilqa’ l-hdax-il talba kif dedotta.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**Imhallef** **Deputat Registratur**